Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-HAMSA U TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 16 ta' Ottubru 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZammit |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Is-Sur Gerry Borg ma kienx prezenti ghall-bidu tal-laqgha. Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni sabiex jitkellem is-Sur Paul Azzopardi. Is-Sur Azzopardi irrefera ghall-incident li sehh dakinhar tal-ghoti tal-Unur Gieh H'Attard fejn waqt li kien qed isir l-armar tal-palk fil-pjazza hu ma thalliex jghaddi mill-barrikati bil-vann tieghu, mis-Sur Gerry Borg, Kunsillier u li kien jinsab ferm iddizappuntat. Hu pprezenta wkoll kont ta' Euro 1,627.88 u filwaqt li RB qallu prosit tal-armar u s-*setting* kollu tenna wkoll li tieghu ma jrid xejn. Is-Sur Azzopardi kompla billi qal li din ma kenitx l-ewwel darba li hu gie insulentat b'dan il-mod u rrefera ghall-incident iehor li kien gara xi snin qabel. Hu kkonkluda billi qal li zgur mhux ser jittollera dan l-atteggjament u mhux ser jigi insolentat darb'ohra, filwaqt li xorta lest li joffri il-kapacitajiet tieghu. Is-Sur SC qal li jekk dan hu minnu il-Kunsill jiddeplora dan l-agir. Dott. Messina Ferrante qal li peress li qed tissemma persuna li mhix prezenti sabiex tirribatti dak li ntqal, talab sabiex jistennew u l-item jitpogga fuq l-agenda li jmiss.
Is-Sur RA dahal f'dan il-mument filwaqt lis-Sur Paul Azzopardi halla l-kamra.
Is-Sur MS qal li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-prezenza tas-Sur Borg u fil-fatt is-Sur Borg dahal f'dan il-mument. Kif kienet ghadha ghaddejja id-diskussjoni, hu gie mistoqsi x'gara fil-konfront tas-Sur Azzopardi dakinhar ta' Jum Attard. Is-Sur Borg qal li gie insulentat u offiz u li mhux minnu kif mistoqsi, li ma halliex lis-Sur Azzopardi jghaddi bix-xoghol. Qal ukoll li peress li kien b'vann differenti ma ndunax li kien hu imma fil-fatt ressaqlu il-barrikata mill-ewwel. Dott. HMF staqsa x'gara fil-passat sabiex l-istorja eskalat b'dan il-mod imma is-Segretarju Ezekuttiv irribattiet li dan ma jikkoncernax lill-Kunsill u ghaldaqstant gara x'gara, mhux ta' nteress ghal Kunsill Lokali.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati

2. **PUNTI MQAJJMA**
   Is-Sur A. Zammit talab kjarifika ghala fil-minuti ma tnizzilx it-teleworking tas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur MS irrisponda u qal li mnizzel f'punt numru 8. Is-Sur A. Zammit qal imma li l-laqgha kienet konkluza meta tressaq dan l-item. Is-Sur MS qal li hu kien ghadu prezenti u l-kamra ma kinitx ghadha aggornat meta tressaq dan il-punt. Ghaldaqstant kollox sar kif suppost

3. **KORRISPONDENZA**

- Petizzjoni sabiex titnehha il-bring-in site tal-hgieg minn Triq Frans Dingli. Il-Kunsill ma qabilx li din ghandha titnehha u ghaldaqstant ghandha tintbaghat ittra lir-residenti f'dan is-sens mis-Sur RC.
- E-mail minghand resident fi Triq l-Ghenba sabiex isiru Sleeping Policemen fl-istess triq. Ghandha ssir konsultazzzjoni mat-Transport Malta. Is-Sur RC talab sabiex terga' ssir applikazzjoni sabiex tigi nstallata is-Sleeping Policeman li kien hemm Triq Victor Vassallo k/m Triq il-Linja. Ghandha tigi kkonsultat Transport Malta ghal din ukoll.
- Ittra bhala screening letter sabiex issir applikazzjoni l-MEPA u jigi restawrat ir-Railway Embankment fi Triq il-Linja
- E-mail minghand Christopher Galea rigward l-accettazzjoni tal-kariga ta' Jamie Vella
- E-mail minghand YouthReach sabiex il-Kunsill jikkollabora u jiehu sehem fl-attivitajiet ta' 1 u 2 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li jghin permezz tal-uzu ta' Centru Papa Gwanni Pawlu II ghas-somma ta' Euro150 filwaqt li RC staqsa jekk jistghux nitolbu lill-Green Pak sabiex itellghu stand waqt l-attivita'. Is-Sur RB qal ukoll li wasal iz-zmien li l-Kunsill jinvesti f'Roller Popup ghall-espozizzjoni ghall-attivitajiet bhal dawn.

**4. POST-MORTEM JUM H'ATTARD**

Kulhadd kien sodisfatt kien zvolgiet l-attivita' u s-serata ta' Gieh H'Attard. GB qal li tant kienet success u nghogob is-setting li ghas-snin li gejjin nistghu inzommu l-istess post, dejjem skond it-temp u bil-*background* tal-knisja kif kien. A. Zammit wera x-xewqa li ghall-Milied issir xi attivita' simili u ninvolvu l-banda. Qal ukoll li kieku ghal darb'ohra jinbidel il-format tal-Unur u jinghataw anki Certifikati. Is-Sur RB qal li ga kienet fil-hsieb tal-Kunsill imma ma kienx hemm zmien bizzejjed. Is-Sur MS gibed l-attenzjoni li suppost kellu jinghata wkoll Unur H'Attard lill-Ex-Kunsilliera Luisa Gauci Baluci. Dan ser isir id-darba li jmiss. Is-Sur RB irrimarka li hassu skomdu biss meta beda jghajjat ghall-Unur H'Attard lis-Sur Carmel Micallef u dan ma tfaccax meta kemm-il darba il-Kunsill ipprova jcempillu. RB staqsa lil RA jekk kienx infurmah dwar is-serata tas-27 ta' Settembru minhabba li kien hu li pprezenta in-nomina tieghu waqt il-laqgha tal-Kunsill precedenti. RA irrisponda li kien infurmat. Ghalhekk gie konkluz li ghal Gieh H'Attard li jmiss tinstab gurnata li kulhadd ikun liberu u flessibli minhabba li kien hemm xi membri mill-Kunsill li m'attendewx, jinghataw idejat godda ghall-Unur, isir xoghol minn qabel fuq in-nies li ha jkunu nnominati u jkun hemm ushers sabiex ma jkunx hemm problema bis-seating. Is-Sur SC ikkonkluda wkoll li fuq l-inviti tal-VIPs tizdied l-istrofa 'Jekk ma ttiniex risposta niehduha li m'intix gej'.

**5. POST-MORTEM GEMELLAGG**

Gie pprezentat rapport mis-Sur RB dwar il-gemellagg li kien pozittiv hafna u li wassal ghall-konkluzjonijiet sabiex jingabu membri mill-Atletika ta' Elancourt sabiex jippartecipaw fit-10K race ta' Frar, issir video conference fl-iSkola Primarja Tumas Dingli. Kopja ta' dan ir-rapport hi mehmuza ma' dawn il-minuti.

**6. RESTAWR *EMBANKMENT* U B INI TAL-KMAMAR ORIGINALI TAL-ISTAZZJON**

Is-Sur RC qal li dan il-progett ha jiswa Euro 900,000. Is-Sur RB qal li peress li fondi ghar-restawr mill-EU bhalissa m'hemmx, ikun idejali li wiehed jibda mill-bini tal-kmamar minhabba li ovvjament hemm bzonn li tigi rilokata il-librerija u jkun ghaqli li sas-sena d-diehla il-Kunsill ikollu post fejn tigi milqugha id-delegazzjoni minn Franza u anka jsiru xi laqghat u esebizzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-fond tal-UIF prezentament jammonta ghal Euro 14,604.99. Is-Sur RB qal li l-progett shih ma jistax isir bhalissa imma l-Kunsill xorta jista' jahdem fuq pjan holistiku sabiex isir il-progett kollu u anka forsi jingabu donazzjonijiet mill-BOV, Banif, etc. Id-diskussjoni tkompli

**7. AFFARIJIET OHRA**

Is-Segretarju Ezekuttiv skuzat ruhha ghax bi zvista ma tnizzlitx fl-Agenda it-tressiq ta' cedola ta' Pagamenti ghax-xahar ta' Settembru. Ghalkemm ma kienx hemm mistoqsijiet hlief fuq l-overtime, is-Sur RB qal li la l-Kunsill ghandu fiducja fis-Segretarju Ezekuttiv, hu jistenna li

m'ghandhomx ghalfejn jigu mistoqsija certu domandi fuq pagamenti specjalment fuq over time.

Is-Sur RC ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li l-latrini qed ikunu miftuhin bil-lejl u bi nhar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghandha bosta ritratti fejn juru li dawn mhux qed jitnaddfu u hafna drabi ghal granet shah. Ghaldaqstant talbet permess sabiex tinhareg default notice. Kulhadd qabel.
- Staqsa fuq il-kawza tal-barriera u s-Segretarju irrispondiet li kienet irceviet email minghand il-Perit sabiex issir laqgha tentattiva mal-MEPA. Kopja ta' din l-email ghandha tintbaghat lis-Sur RC

Is-Sur RB ressaq dawn il-punti:

- Qal li l-knis qed idum hafna biex isir minn gimgha ghall-ohra u hemm bzonn li wiehed jaghfas iktar fuq it-tindif. Is-Sur SC gibed l-attenzjoni li l-knis kull hmistax u ghaldaqstant wiehed irid izomm dan in konsiderazzjoni. Is-Sur A. Zammit saqsa kemm jonqsu biex jintemm il-Kuntratt. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet sentejn ohra.

Is-Sur A. Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li nqata' xi haxix minn  Triq Hannibal u ma ngabarx
- Hemm bzonn tittranga bankina fi Triq il-Fies ma' Triq il-Qiegha
- Staqsa fhiex waslet il-bozza ta' Triq il-Kappar
- Rega' gibed l-attenzjoni ghal certu ranep ta' postijiet mhux uzati fi Triq Victor Vassallo li jinsabu mahmugin

Is-Sur HMF ressaq dawn il-punti:

- Talab li l-Kunsill jerga' jaqbad il-kwistjoni tal-Bypass mal-Ministru Joe Mizzi
  Is-Sur MS hawnhekk halla l-kamra
- Gibed l-attenzjoni fuq arblu mghawweg hdejn Wied Incita kif ukoll li hemm tappiera thabbat lejn il-Miracle Foods

Is-Sur JB ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq bozza maqtugha fi Triq is-Salvatur
- Talab lista tal-Kuntratturi assenjati mal-Kunsill
- Gibed l-attenzjoni fuq il-bzonn li jitnaddaf Wied Rmiedi forsi ghal attivita' ta' Clean up the World
- Saqsa fuq id-Euro9,000 li rcieva il-Kunsill relatat ma' arrettrati ta' pagi f'hiex ha jintefqu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li dawk kienu rimbors ta' pagi li ga hargu u ghaldaqstant ha jaghmlu tajjeb ghall-cash flow
- Saqsa fuq il-problema sabiex isir id-drenagg tal-binja 'The Peak' fi Triq Santa Katerina. Is-Sur SC wiegeb li qed jiehu hsieb dan il-kaz hu.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata għat-12 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm

__________________________ ______________________

Sindku Data